MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 131/2007

Il-Pulizija
(Spt. D. Theuma)
Vs
Michel Abou Haidar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fl-10 ta' Marzu, 2007 u fis-sena w nofs ta' qabel, naqas milli jhares xi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D fid-digriet tieghu datat 8 t'Awissu, 2004 u kif sussegwentement emendat minn dik l-istess Qorti diversament preseduta li bih l-appellat inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu, 2007, li biha,

minhabba insufficjenza fil-provi, ma sabitx lill-appellat hati w illiberatu.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta’ Marzu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, hu s-segwenti w cioe:- li l-Ewwel Qorti qalet li ma kienx hemm provi sodisfacenti dwar il-bail conditions, meta, jekk wiehed jara l-provi, partikolarment fols. 2 u 5 tal-process, isib li l-prova necessarja saret u ghalhekk il-Qorti kellha ssib htija tal-appellat.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell jiskaturixxi minn emenda recenti fil-Kodici Kriminali introdotta bl-Att XVI tas-sena 2006, fejn fl-artikolu 579 (2) gie krejat ghall-ewwel darba r-reat ta' min jonqos milli jhares xi wahda mil-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mil-arrest taht garanzija, reat punibbli bil-piena tal-multa jew ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew bil-multa w prigunerija flimkien. Inoltre skond is-subartikolu (3) tal-istess artikolu, l-Prosekuzzjoni tista' ukoll fl-istess procediment titlob ir-revoka tal-helsien mill-arrest u l-arrest mill-gdid ta' dik il-persuna.

Illi, kif del resto jammetti l-istess akkuzat appellat fl-istqarrija tieghu (fols 6 u 6 *a tergo* tal-process) u kif jidher mill-kopji awtentici tad-digriet originali li bih il-Qorti tal-Magistrati kkoncediet il-helsien mill-arrest u tad-digriet sussegwenti li bih id-digriet originali gie emendat (fols. 2 sa 5) l-appellat kien gie imressaq taht arrest fit-8 t' Awwissu, 2004 u akkuzat b' fabbrikazzjoni ta' evidenza u

pussess aggravat ta' droga. Hu kien gie moghti l-liberta' provizorja mill-Magistrat Dr. L. Quintano dak in-nhar stess taht diversi kundizzjonijiet inkluza dik li jiffirma l-ghassa ta' San Giljan. Fil-kors tal-kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat Dr. Hayman, l-appellat kien talab biex ikun jista' jsiefer fuq xoghol u anki talab biex ma jibqax jiffirma kulljum imma darba fil-gimgha minnflok. Il-Magistrat Hayman kienet laqghet it-talba tieghu w bid-Digriet tat-13 t' April, 2005, (Fol. 5) awtorizzat lill-appellat li jiffirma kull nhar ta' sibt bejn id-9 am u s-7 pm fl-Ghassa ta' San Giljan. L-appellat ammetta li mis-7 t' Awwissu, 2005 ma ffirmax aktar fuq il-bail book tieghu go l-ghassa ta' San Giljan. (Fol. 6 a tergo)

Mistoqsi ghaliex ma baqax jiffirma, l-appellat iddikjara li hu xogholu import, export u jgib ix-xoghol minn Dubai ghall-klienti Maltin u minhabba li kellu l-passaport mizmum ghal diversi xhur minhabba dak il-kaz, waqa' lura fix-xoghol u fil-fatt kellu container b' xi ordnijiet li minhabba li hu ma setax isiefer, l-istess container ma wasalx Malta imma rega' ntbaghat lura fil-factory minn fejn il-merkanzija kienet tghabbiet. Kien hemm xi Maltin li kienu tawh deposit fuq ix-xoghol li kellu gej fil-container u dawn l-istess nies iddejqu jistennew li hu jkun jista' jsiefer u riedu flushom lura. Hemm beda hafna ghajjat u theddid fuqu w fuq il-familja tieghu w darba minnhom, meta kien imsiefer, cioe' wara li kien iffirma l-ghassa ta' San Giljan fis-6 t' Awwissu, 2005, cemplitlu martu meta hu kien ghadu Dubai u qaltlu li kienu marru jhabbtu xi nies fuq il-bieb tad-dar u qalulha li hu ma kienx ser jerga lura Malta. Peress li f' dak il-periodu kienu mifrudin, martu meta semghet hekk, qaltlu li ma kienx ser jara aktar it-tfal u hu, bejn minhabba t-theddid tal-kredituri w dak li qaltlu l-mara fuq uliedu, ma jafx x' tah u meta suppost nizel lura qiesu gimgha wara biex ikun jista' jerga' jiffirma, baqa' Dubai u ma nizilx aktar Malta hlief darba fis-sajf tas-sena 2006 , gurnata biex jara t-tfal u rega gie dan l-ahhar il-hadd ta' qabel li kien qed jaghmel l-istqarrija (14.3.2007) fuq vapur tas-SeaMalta, jispera ghal kollox.

Mistoqsi x' qaghad jaghmel tul dan iz-zmien kollu ta' sittax il-xahar, qal:-

"*Hafna miz-zmien li ghamilt* ***mahrub minn Malta*** *qattajtu nivvjaggja bejn Dubai u l-Lebanon. Kif kont il-Lebanon nara l-familjari tieghi nqala' l-inkwiet bejn Israel w l-grupp Hizbollah ibbazati fil-Lebanon u jien spiccajt imwahhal xaharejn u ma stajtx nohrog mill-pajjiz."*

Mistoqsi jekk jahsibx li kellu raguni valida biex ma jobdix l-ordnijiet tal-Qorti, wiegeb li hass ruhu mhedded u ghalhekk beza' u harab. Ma kien infurma lil hadd bil-hsieb tieghu.

Mix-xiehda ta' **PC 84 Johan Vella** jirrizulta li l-ahhar li ffirma fl-ghassa ta' San Giljan, l-appellat, kien fis-6 t' Awwissu, 2005, u dan  ukoll jirrizulta mill-fotokopja tal-bail book esebita (fols. 12 sa 16).

**L-Ispettur Dennis Theuma** esebixxa l-istqarrija fuq riprodotta li saret fil-prezenza tieghu w giet iffirmata mill-appellat. Ma setax jikonferma dak li ssuggerietlu d-difiza li l-appellat kien ikkomunika mieghu fiz-zmien li ma kienx jiffirma. Qabel ma kienx baqa' jiffirma kien ikkomunika mieghu . Ma rrizultalux fejn kien qieghed l-appellat hlief mill-istqarrija tal-appellat. Hu gie hawnhekk minn jeddu w ta ruhu b' idejh.

**L-appellat** la xehed u lanqas ressaq xhieda in difesa.

Ikkonsidrat;

Illi f' dan l-istat tal-provi din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-Ewwel Qorti setghet remotament tillibera lill-appellat. Kellha ammissjoni skjaccanti da parti tal-istess appellat li hu harab minn Malta meta pprofitta ruhu mill-koncessjoni li tatu l-Qorti biex ikun jista' jsiefer fuq xoghol u kienet x' kienet ir-raguni, dan qatt ma seta' jaghmlu. Illi l-agir tal-appellat jikostitwixxi nuqqas serjssimu w seta' jkun biss aktar serju kieku baqa' ma rritornax, f' liema kaz ma kienu jkunu jistghu jittiehdu ebda proceduri kontra tieghu pero'.

Illi l-unika attenwanti li jista' jibbenefika minnha l-appellant hi li wara xhur shah mahrub rega' lura f' dawn il-Gzejjer,

pero' dan bl-ebda mod ma jannjenta l-intralc fl-amministrazzjoni tal-gustizzja w abbuz mill-fiducja li uriet fih il-Qorti meta tatu koncessjoni biex isiefer fuq xoghol. L-iskuza li nqabad il-Lebanon xaharejn, apparti li ma tressqet ebda prova dwarha, ma tiskuzax l-assenza tieghu tul sittax il-xahar u l-allegazzjoni ta' theddid mill-kredituri ftit jidhru attendbbli. Kieku stess kellu xi theddid simili seta' facilment jitlob il-protezzjoni tal-Pulizija, haga li ma ghamilx.

Illi l-unika motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti biex tispjega d-decizjoni taghha kienet li kif irrilevat id-difiza "jidher car li d-digriet ghall-harsien mill-arrest li fuqu ibbazat l-akkuza l-prosekuzzjoni mhux l-ahhar wiehed izda jezisti xi digriet iehor korrettorju u li d-difiza ghalhekk kellha ragun tesigi konferma illi ma hemm l-ebda digriet iehor ghajr dak ipprezerntat mill-prosekuzzjoni" u "li dan jikkostitwixxi insufficjenza fil-provi."

Din il-Qorti pero' ma taqbel xejn ma dan u tara li bl-esebizzjoni tad-Digriet originali, tat-8 t' Awwissu, 2004 (fol. 2) , bl-esebizzjoni tar-rikors ghall-varjzzjoni tal-1 t' April, 2005 (fols 3 u 4) u bl-esebizzjoni tal-verbal tat-13 t' April, 2005 (fol.5) fejn hemm id-digriet tal-varjazzjoni tal-kondizzjonijiet, il-Prosekuzzjoni altru milli ppruvat liema kienu d-Digrieti relattivi w rilevanti li del resto l-appellat bla tlaqlieq fl-istqarrija tieghu jammetti li kiser il-kondizzjonijiet taghhom. Jekk ma kienx hemm Digrieti ohra, l-Prosekuzzjoni ma setghetx taghmel prova negattiva. Jekk id-difiza riedet tipprova li kien hemm xi digriet iehor li seta' jinfluwixxi fuq il-kwistjoni, dejjem setghet tressaq prova ta' dan imma minn dan ma ghamlet xejn. Ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li bbazat il-motivazzjoni taghha biss fuq kongettura mressqa mid-difiza w xejn aktar. Dan manifestament jirrendi l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti zbaljat u ghalhekk din il-Qorti tara li l-appell tal-Avukat Generali ghandu jigi milqugh bhala pjenament fondat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w wara li rat l-artikolu 579 (1) (2) u (3) tal-Kap.9, issib lill-appellat hati tal-

imputazzjoni dedotta kontra tieghu w tikkunndannah erba (4) xhur prigunerija w inoltre tordna li l-ordni ghall-helsien mill-arrest tal-appellat maghmul bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-8 t' Awwissu, 2004, kif emendat bid-Digriet tal-istess Qorti tat-13 t' April, 2005, ghandu jigi revokat u ghalhekk l-appellat ghandu jigi arrest mill-gdid.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------